**Minuti tat-Tmienja u Għoxrin (28) Laqgħa tas-Sitt (06) Kunsill tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 8 ta' April 2010 fil-5.30 ta' filgħaxija.** Data u ħin

** ***Preżenti għal-Laqgħa***: Attendenza

| | |
|---|---|
| Il-Perit Graziella Galea | Sindku |
| Is-Sur John Bray | Viċi-Sindku |
| Is-Sur Peter Abela | Kunsillier |
| Is-Sur Ray Bartolo | Kunsillier |
| Is-Sur Alexander Bezzina | Kunsillier |
| Is-Sur Jason Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Gauci | Kunsillier |
| Is-Sur Alfred Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Raymond Tabone | Kunsillier |
| Is-Sur Martin Zerafa | Kunsillier |
| | |
| Rose Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ppreżentat e-mail hawn annessa mibgħutha mill-Viċi-Sindku fejn skuża ruħhu li ma jistax jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill minħabba impenji familjari u ta' xogħol. Il-Kunsill aċċetta dawn ir-raġunijiet. Skużati mil-laqgħa

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tas-Sitta u Għoxrin (26) Laqgħa tal-Kunsill**

Il-Minuti tas-Seba' u Għoxrin (27) Laqgħa tas-Sitt Kunsill li ġew imqassma qabel il-laqgħa ġew meħudha bħala moqrija. Wara li saru l-korrezzjonijet meħtieġa dawn ġew approvati u ffirmati. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti 27

**2.00 Punti Mqajma (Laqgħa 27)**

2.01 Hekk kif miftiehem fil-laqgħa bejn il-Kunsill, l-avukat u d-dipartiment għall-gvern lokali, intbagħtet ittra mill-avukat tal-Kunsill lid-direttur għall-gvern lokali sabiex japprova l-ħlas tal-5% *management fee* abbinata ma' dan il-kaz. 5% *management fee*

2.02 Għandha tinġabar l-informazzjoni dwar l-ghaqdiet li wrew l-interess u tigi ffissata data biex isir dan il-*forum* li għalih il-kunsilliera għandhom jiġu mistiedna. Forum tal-Ghaqdiet

2.03 Il-laqgħa nżammet u l-lista tal-iskeda ta' xogħolijiet ġiet ippreżentata. Ġie nnutat li se jkun hemm ħlas għall-bexx kontra l-bumunqar aħmar tal-palm. Se ssir laqgħa oħra fil-ġranet li ġejjin. Laqgħa ELC

2.04 Il-ħlasijiet pendenti tal-MEPA minn Ġunju 2008 sa Frar 2009 tħallsu u minn Marzu 2009 sallum ma tħallsux. Ħlasijiet pendenti mill-MEPA

2.05 Il-parir tad-Direttur għall-Gvern Lokali kien li l-Kunsill jista' jikkunsidra li din il-ġurnata tinqata' mil-leave b'vakanza. Peress li l-impjegata ppreżentat ċertifikat mediku tat-tabib personali tagħha dan ġie aċċettat u b'hekk il-leave b'mard ma nqatax mil-leave b'vakanza. Leave b'mard

2.06 Abbażi tal-parir tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn ġie spjegat li l-ammont totali għandu jinkludi l-VAT, ġie deċiż li l-Kunsill imexxi għall-kwotazzjoni bil-prezz ta' €4 658.75. Kwotazzjoni: Funtana Burmarrad

2.07 Il-laqgħa tal-Kunsill ġiet sospiża sabiex isir it-tberik mill-kappillan tal-parroċċa. Il-laqgħa tkompliet.

2.08 Il-Kunsillier Alfred Grima ddikjara kunflitt ta' interess u ħareġ barra mil-kamra. Il-Kunsillier Mario Camilleri staqsa għal liema uzu huma l-postijiet li qegħdin naraw. Is-Sindku qalet li qed naraw zewg tipi ta' postijiet: dawk li tefghaw offerta u dawk li tefghaw expression of interest. Fakkret li għad fadal post ieħor biex naraw u li kull kunsillier irid jippreżenta rapport dwar il-postijiet li rajna. — Kwotazzjoni: post fejn jinżammu l-korsijiet

**3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet**

3.01 **Ref:55/2778/10/I:** Il-Kunsill qabel li għall-istallazzjoni ta' wifi għall-użu tal-pubbliku għandu jidentifika Misraħ il-Bajja bħala l-ewwel preferenza u ħdejn il-Bus Terminus fil-Qawra bħala t-tieni preferenza. — Memo 51: Wifi Access Points

* Il-Viċi-Sindku John Bray daħal fil-kamra.

3.02 **Ref:55/2251/10/I**: Ġie deċiż li s-Sindku Graziella Galea u l-Kunsillier Mario Camilleri jattendi għall-konferenza *Empowering Our Citizens to Healhier Lifestyles* li se tittratta l-problema tad-drogi li se ssir f'Għawdex bejn it-22 u l-24 ta' April 2010. — Konferenza tal-ECAD

3.03 **Ref:55/2365/10/I:** Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sabiex it-tinda eżistenti tal-injam tal-*Bognor Acquatic Sports Club* tinbidel għal waħda tal-ġebel sakemm tibqa' fl-istess livell. Il-Kunsillier Alfred Grima ddikjara li dejjem kien kontra għax tinsab 'il fuq mit-triq. — PA/5991/09

3.04 **Ref:55/2156/10/I:** Il-Kunsill approva li sabiex iżomm mat-talba tar-residenti għandu joġġezzjona għall-iżvilupp imsemmi. — PC 4/2010

3.05 **Ref:55/1900/10/I:** Il-Kunsill approva li jipparteċipa fil-wirja annwali *The Great Spring Show* nhar is-Sibt 1 ta' Mejju u l-Hadd 2 ta' Mejju 2010. — Għaqda Maltija Ortikultura

* Il-Kunsillier Raymond Tabone ħareġ mill-kamra.

3.06 **Ref:55/1991/10/I:** Il-Kunsill approva li jiġu nstallati bozoz hekk kif ġej: — Bozoz Ġodda

| |
|---|
| <u>Street Quotations</u> - All prices inclusive of VAT. |
| |
| 1. Triq Gdida fi Triq il-Qawra |
| Pistol Bracket / Lantern / 30mts Cable / Isolator €336.57 |
| |
| 2. Triq it-Turisti |
| 9mtr Pole / Lantern / 40mtrs Cable / Isolator €962.82 |
| |
| 3. Triq Toni Camilleri |
| Pistol Bracket / Lantern / 12mtrs Cable / Isolator €306.80 |
| |
| 4. Triq il-Konz |
| Pistol Bracket on Pole / Lantern / 10mtrs Cable / Isolator on Pole €384.29 |
| |
| 5. Triq Salvatore Borg |
| Pistol Bracket / Lantern / 12mtrs Cable / Isolator €330.40 |
| |
| 6. Triq ir-Ramel |
| Pistol Bracket / Lantern / 15mtrs Cable / Isolator €315.06 |

3.07 **Ref:55/2820/10/I;Ref:55/2043/10/I;Ref:55/2044/10/I:** Tressqet petizzjoni minn diversi residenti ta' Islets Promenade, Bugibba fejn qed joġġezzjonaw għall-istorbju tal-*bumping cars* tal-akkwata. Sadanittant, il-Kunsill irċeva ittra mingħand MJS Holding fejn qed jitlob il-permess biex jarma l-*bumping cars* u *trampoline* fil-Bajja Sant'Injazju. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni b'kundizzjoni li meta jlesti mill-armar ineħħi t-trukkijiet u b'kundizzjoni li jimxi mal-permessi kollha speċjalment dawk tal-pulizija. — MJS Holding: Bumping Cars/Trampoline

3.08 **Ref:55/2164/10/I:** Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li *Paul's Cactus Bar* jarma screen kbir barra l-bar tiegħu għal żmien il-kampjonat tat-Tazza tad-Dinja sakemm ikollu l-permessi kollha meħtieġa. Screen: Paul's Cactus Bar

3.09 **Ref:55/2170/10/I:** Il-Kunsill approva li jmexxi għall-ħruġ tal-offerta abbinata mal-Patt tas-Sindki li tittratta Pjan ta' Azzjoni Dwar Enerġija Sostenibbli. Patt tas-Sindki

3.10 **Ref:55/2338 /10/I:** Il-Kunsill Malti għall-Isports iffirma kuntratt ma' *Burmarrad Football Club* fejn l-imsemmija propjeta għaddiet f'idejn l-imsemmi klabb b'cens issussidjat mill-gvern bħala proċess ta' inizjattiva biex il-gvern ikompli jiffinanzja l-isport u l-għaqdiet sportivi. Burmarrad Football Club

* Il-Kunsillier Ray Tabone daħal fil-kamra.

Il-Kunsillier Alfred Grima staqsa taħt liema titlu ngħata u għand min kien it-titlu ta' din l-art qabel.

Gie deċiż li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-Ministru.

3.11 **Ref:55/2364/10/I:** Il-Kunsilliera ġew mitluba jikkonfermaw sat-Tnejn 12 ta' April 2010 jekk humiex interessati jipparteċipaw fil-programm ta' tagħlim *e-councillors*. Il-prezz għal 8-11-il kunsillier, żewġ skrivani u s-Segretarju Eżekuttiv huwa ta' €1 100 fejn 50% se tkun issussidjata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. e-councillors

3.12 **Ref:55/2587/10/I:** Il-Kunsill approva li jiffinanzja kors għas-Sajf 2010 tal-e-tfal fejn l-istudenti jħallsu biss €10 għan-noti kif ukoll kors tal-ECDL. Il-Kunsill għandu jiffinanzja l-pustaġġ tal-flyers bieb bieb. e-tfal 2010/ ECDL

3.13 **Ref:55/2753/10/I:** Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li s-Sna Charlene Buttigieg torganizza attivita' ta' festival tal-mużika "Tear it-Down" nhar is-17 ta' Lulju 2010 fir-ristorant Ta' Fra Ben sakemm jingiebu l-permessi kollha meħtieġa. *Tear it-Down Event*

3.14 **Ref:55/3209/10/I:** Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li tiġi organiżżata attivita f'*Kennedy Grove* bejn il-5 ta' Ġunju u t-13 ta' Lulju 2010 ladarba jġibu l-permessi meħtieġa, fosthom dawk mill-Parks. Attivita: Kennedy Grove

* Il-Kunsillier Alex Bezzina skuża ruħhu u ħareġ mill-kamra.

3.14A Is-Sindku pproponiet li l-laqgħa tiġi sospiża sabiex l-avukat jispjega xi punti legali fosthom id-draft tas-sett ta' *Bye Laws* dwar *trailers* fil-lokalita'. Il-Kunsill approva.

Wara li tkompliet il-laqgħa, is-Sindku ipproponiet li d-*draft* tintbagħat lill-kunsilliera kollha sabiex jgħaddu l-proposti tagħhom lill-Avukat.

3.15 **Ref:55/ 2682/10/I:** Tpoġġiet fuq il-mejda talba ta' sid ta' kiosk biex ibiegħ fl-akkwata faċċata tal-pjazza. Il-Kunsill ma laqax din it-talba. Permess

3.16 **Ref:55/2319/10/I:** Is-Sindku Graziella Galea spjegat l-attivitajiet tal-1 u 2 ta' Mejju. Fl-Attivita' tal-1 ta' Mejju 2010, barra l-programm mmexxi mill-Kunsillier Frank Gauci, ser ikun hemm mixja b'risq l-Assoċjazzjoni tal-*Breast for Cancer Awareness*. Fit-2 ta' Mejju ser tittella' l-attivita' *Science in the Community* flimkien ma' l-MCST. Għall-attivita' tat-2 ta' Mejju, iż-Żgħażagħ Ħaddiema Insara ghandhom jingħaqdu wkoll b'xi attivita' ta' mużika mal-MCST. Iż-żewġ attivitajiet ser jittellghu gewwa Misrah il-Bajja. Attivitajiet tal-1/2 ta' Mejju 2010

3.17 **Ref:55/2635/10/I:** Il-ħlas pendenti dwar permessi lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għas-sena ta' 2007 ser jitħallsu din is-sena. Filwaqt li, s-sena li ġejja, ser jitħallsu l-pendenti tas-sena 2008 u fis-sena 2012 jitħallsu l-pendenti tas-sena 2009. Il-Kunsillier Alfred Grima ippropona li nitlobu lill-istess Korporazzjoni sabiex iħallsu 6% interessi għall-ammonti dovuti. Issekkonda din il-proposta l-Kunsillier Mario Camilleri. Il-proposta għaddiet *Nem Con.* Ħlas Pendenti: WSC

3.18 **Ref:55/2724/10/I:** Il-Kunsill issottometta ħames applikazzjonijiet bi sħab ma' kunsilli Taljani.

Malta-Italia 2007 - 2013

3.19 **Ref:55/3033/10/I:** Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sabiex il-*Vintage Japanese Car Club* itella' attivita' nhar il-25 ta' April 2010 matul il-promenade ta' Bugibba bejn id-9.00am u l-5.00pm sakemm iġib il-permessi meħtieġa mill-awtoritajiet ikkonċernati.

Wirja ta' Karozzi Ġappuniżi

3.20 **Ref:55/3549/10/I:** Il-Kunsill approva li tittella' attivita' minn Mark Andrew Tabone, *impersonator* ta' Elvis u r-rebbieh ta' din is-sena tal-Australian Elvis World Cup, li jixtieq jagħmel kunċert f'San Pawl il-Baħar, nhar is-26 ta' Ġunju 2010 filgħaxija għal show ta' siegħa u nofs maqsuma f'żewġ partijiet bi spiża ta' madwar € 1 300. Il-Kunsill irid jieħu ħsieb stage, dwal u sound. Għandha tinħareġ *expression of interest* għal min irid jiġġestixxi l-bars fejn dawk li juru l-interess tagħhom għal din l-*expression of interest* għandhom ukoll jissottomettu l-proposta tagħhom għal din l-attivita'.

Attivita' Elvis Impersonator

3.21 **Ref:55/2956/10/I:** Il-Kunsillier Alfred Grima ressaq proposta sabiex jitwaqqaf bord (fuq bażi volontarja) sabiex b'mod immedjat u bi professjonalita' imexxi l-quddiem kull applikazzjoni relatata mal-Unjoni Ewropea, li tiġi approvata mill-Kunsill ta' San Pawl il-Baħar. Kien hemm qbil li din il proposta titla fil-laqgħa li jmiss.

Bord dwar fondi tal-EU

3.22 **Ref:55/2435/10/I:** Il-Kunsill ġie mistieden mill-Kunsill ta' Pozzallo sabiex jattendi għal *press conference* dwar attivita' Notti Blu u ġie deċiż li jattendu s-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera Jason Camilleri, Mario Camilleri, Frank Gauci u Martin Zerafa u s-Segretarju Eżekuttiv. L-ispejjeż jittieħdu mill-fondi għall-ġemellaġġi. Delegazzjoni minn Pozzallo ser iżżur il-lokalita nhar is-Sibt 17 ta' April 2010.

Pozzallo

3.23 **Ref:55/3426/10/I:** Il-Kunsillier Jason Camilleri ippreżenta ittra fejn mill-Kummissjoni Żgħażagħ Pawlini nfurmaw lill-Kunsill li qatt ma ġew nfurmati li ser jitwaqqaf il-Kunsill Lokali Zgħażagħ. Is-Sindku u l-Kunsillier Frank Gauci kkonfermaw li permezz tal-Kunsill Nazzjonali Zgħażagħ intbagħat flyer bieb bieb f'kull residenza fil-lokalita' tant li hemm żagħżagħ minn San Pawl il-Bahar, Qawra, Wardija u li l-flyer ma ntbagħat lill-ebda kumitat. Dehret ukoll fuq il-*website* tal-Kunsill u kien ukoll imħabbar mill-Kunsill Nazzjonali Zgħażagħ fuq skala nazzjonali fl-aħbarijiet u għaldaqstant il-Kunsill iħoss li kien hemm meżżi pubbliċi adekwati.

Kunsill Lokali Zgħażagħ

3.24 Is-Sindku nformat lill-Kunsill li mexjin fil-proċess ta' preparamenti sabiex napplikaw għall-fondi taħt is-sistema tal-iskema tal-*European Regional Development Fund* sabiex tiġi żviluppata l-art mitluqa fi Triq San Ġiraldu għall-ġnien b'ċentru ta' informazzjoni sabiex il-Kunsill jippromwovi tour mal-lokalita'. Is-suġġett ta' din l-applikazzjoni huwa : *Creation of a Locality Tour featuring an Interpretive Facility*.

ERDF: Devoluzzjoni ta' art

Għal dan il-għan is-Sindku pproponiet li jinbeda l-proċess sabiex din l-art mitluqa u mhix żviluppata tiġi mgħoddija lill-Kunsill Lokali u jinbeda l-proċess ta' devoluzzjoni għal dan il-għan hawn fuq imsemmi.

## 4.00 Egħluq tal-Laqgħa

Peress li skada l-ħin, il-laqgħa ġiet sospiża għat-Tlieta 13 ta' April 2010 fil-05.30 ta' fil-għaxija.

***Perit Graziella Galea** B.E.&A. (Hons), M.Sc. (Road Eng.), A.&C.E.*
***Sindku***

***John J. Camilleri***
***Segretarju Eżekuttiv***

22 ta' April 2010

ref: 55 / 3635 / 10 / Orc